## P7_TA(2010)0309

## Il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri *

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020 (COM(2010)0193 – C7-0111/2010 – 2010/0115(NLE))**

**(Konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0193),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 148(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0111/2010),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-opinjoni tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0235/2010),

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFEU);

3. Jitlob lill-Kunsill biex jinnotifika lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jibdel il-proposta approvata mill-Parlament b'test ġdid;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsulta lill-Parlament jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Itenni t-talba li ilu li għamel lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jiżguraw li l-Parlament jingħata ż-żmien meħtieġ, u fi kwalunkwe każ mhux anqas minn ħames xhur, biex jaqdi r-rwol konsultattiv tiegħu kif definit fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat FUE rigward ir-reviżjoni tal-linji gwida tal-Istati Membri dwar l-impjiegi;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Emenda 1**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 1 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) L-Artikolu 157 (3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-opportunitajiet indaqs u t-trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi, inkluż il-prinċipju ta' paga indaqs għal xogħol indaqs jew xogħol ta' valur indaqs.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula fl-Artikolu 3.3 li l-Unjoni għandha tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja soċjali u l-protezzjoni u jipprovdi għall-inizjattivi tal-Unjoni biex tiżgura koordinazzjoni tal-politiki soċjali tal-Istati Membri. L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa ***u*** l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. | (2) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula fl-Artikolu 3 (3) li l-Unjoni ***għandha tistinka biex tikseb xogħol għal kulħadd u progress soċjali,*** tiġġieled kontra l-esklużjoni soċjali u d-diskriminazzjoni, u għandha tippromwovi l-ġustizzja soċjali u l-protezzjoni u jipprovdi għall-inizjattivi tal-Unjoni biex tiżgura koordinazzjoni tal-politiki soċjali tal-Istati Membri. L-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet tagħha, l-Unjoni għandha tikkunsidra r-rekwiżiti marbuta ***mal-promozzjoni ta' livell għoli ta' impjiegi,*** mal-garanzija ta' protezzjoni soċjali xierqa***, mal-ġlieda*** kontra l-esklużjoni soċjali ***u ma' livell għoli ta' edukazzjoni u taħriġ***. |

**Emenda 3**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 2 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2a) L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula li fl-attivitajiet kollha tagħha, l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***Unjoni għandu jkollha l-għan li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa. L-Artikolu 10 tiegħu għaldaqstant iżid li fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politika u l-azzjonijiet tagħha, l-Unjoni għandha tfittex li tiġġieled kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. L-Artikolu 2 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jgħid li fis-soċjetà Ewropea jipprevalu l-pluraliżmu, in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) L-Istrateġija ta' Lisbona, li ġiet imnedija fl-2000, kienet ibbażata fuq rikonoxximent tal-ħtieġa tal-UE li żżid il-produttività u l-kompetittività tagħha, filwaqt li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali, quddiem kompetizzjoni globali, tibdil teknoloġiku u popolazzjoni li qed tixjieħ. L-Istrateġija ta' Lisbona ġiet imnedija mill-ġdid fl-2005, wara reviżjoni ta' nofs it-terminu li wasslet għal enfasi ikbar fuq it-tkabbir, u iktar u aħjar impjiegi. | (4) L-Istrateġija ta' Lisbona, li ġiet imnedija fl-2000, kienet ibbażata fuq rikonoxximent tal-ħtieġa tal-UE li żżid il-produttività u l-kompetittività tagħha ***bbażata fuq l-għarfien u li toħloq mill-ġdid il-kundizzjonijiet li jippermettu li jkun hemm xogħol għal kulħadd***, filwaqt li ssaħħaħ il-koeżjoni soċjali ***u reġjonali***, quddiem kompetizzjoni globali, tibdil teknoloġiku u popolazzjoni li qed tixjieħ. L-Istrateġija ta' Lisbona ġiet imnedija mill-ġdid fl-2005, wara reviżjoni ta' nofs it-terminu li wasslet għal enfasi ikbar fuq it-tkabbir, u iktar u aħjar impjiegi. |

**Emenda 5**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjieg ***għenet biex jinħoloq kunsens dwar*** id-direzzjoni ġenerali tal-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-UE. Taħt l- | (5) L-Istrateġija ta' Lisbona għat-tkabbir u l-impjieg ***kellha tgħin biex tiġi stabbilita d-direzzjoni*** ġenerali tal-politiki ekonomiċi u tal-impjieg tal-UE. Taħt l-istrateġija, |

| | |
|---|---|
| istrateġija, kemm il-linji gwida politiċi ġenerali kif ukoll il-linji gwida dwar l-impjieg ġew adottati mill-Kunsill fl-2005 u riveduti fl-2008. L-24 linji gwida kienu l-pedament għall-programmi ta' riforma nazzjonali, li jispjegaw il-prijoritajiet ta' riforma makroekonomiċi, mikroekonomiċi u tas-suq tax-xogħol għall-UE kollha. Madankollu, l-esperjenza turi li l-linji gwida ma stabbilixxewx ***prijoritajiet ċari biżżejjed*** u li ***r-rabtiet bejniethom setgħu kienu iktar b'saħħithom***. ***Dan irriżulta f'limitu tal-impatt tagħhom fuq it-tfassil tal-politika***. | kemm il-linji gwida politiċi ġenerali kif ukoll il-linji gwida dwar l-impjieg ġew adottati mill-Kunsill fl-2005 u riveduti fl-2008. L-24 linji gwida kienu l-pedament għall-programmi ta' riforma nazzjonali, li jispjegaw il-prijoritajiet ta' riforma makroekonomiċi, mikroekonomiċi u tas-suq tax-xogħol għall-UE kollha. Madankollu, l-esperjenza turi li l-linji gwida ma stabbilixxewx ***objettivi vinkolanti biżżejjed għal parteċipazzjoni soċjali, politika*** u ***kulturali mir-residenti kollha tal-Unjoni Ewropea u għal ekonomija sostenibbli u*** li ***l-prijoritajiet kellu jkollhom rabta iżjed qawwija bejniethom***. ***Fl-aħħar nett, l-għanijiet bażiċi tal-istrateġija ma jistgħux jintlaħqu, għax l-Istati Membri naqsu wkoll milli jassumu r-responabilita' ta' dawk il-linji gwida.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 5 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Minbarra l-inizjattivi leġiżlattivi l-ġodda tal-UE b'fowkus soċjali, l-Unjoni Ewropea teħtieġ li ttejjeb b'mod sinifikanti l-politiki eżistenti tagħha u l-implimentazzjoni tagħhom.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet fl-2008 rriżultat f'telf sinifikanti ta' impjiegi u produzzjoni potenzjali u wasslet għal deterjorament qawwi fil-finanzi pubbliċi. Il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku madankollu għen lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi, parzjalment permezz ta' stimolu fiskali kkoordinat***, filwaqt li l-euro li pprovdiet*** | (6) Il-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet fl-2008 rriżultat f'telf sinifikanti ta' impjiegi u produzzjoni potenzjali u wasslet għal deterjorament qawwi fil-finanzi pubbliċi. Il-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku madankollu għen lill-Istati Membri biex jindirizzaw il-kriżi, parzjalment permezz ta' stimolu fiskali kkoordinat. Il-kriżi***, li għadha qed*** |

***ankraġġ għall-istabbiltà makroekonomika***. Għalhekk il-kriżi ***wriet*** li koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tista' tagħti riżultati sinifikanti jekk tiġi msaħħa u ssir iktar effettiva. Il-kriżi ***enfasizzat*** ukoll l-interdipendenza tal-ekonomiji tal-Istati Membri u s-swieq tal-impjieg.

***tiżviluppa, tenfasizza n-nuqqas ta' mezzi effettivi ta' reazzjoni bikrija għas-sinjali tagħha u*** għalhekk ***turi*** li koordinazzjoni tal-politiki tal-Unjoni tista' tagħti riżultati sinifikanti jekk tiġi msaħħa u ssir iktar effettiva***, waqt li tirrispetta l-prinċipju tas-sussidjarjetà***. Il-kriżi ***tenfasizza wkoll*** l-interdipendenza tal-ekonomiji u s-swieq tal-impjieg tal-Istati Membri, li ***b'konsegwenza ta' dan anke l-isfruttar bis-sħiħ tal-potenzjal tas-suq intern huwa wkoll wieħed mill-aktar modi essenzjali biex tiżdied il-kompetittività Ewropea, u tagħmilha wkoll ħaġa neċessarja li ssir reviżjoni vasta tal-mekkaniżmi maħsuba għall-għanijiet tal-ħolqien tal-impjiegi u tal-kisba tal-miri soċjali li għandhom jibqgħu objettivi ċentrali.***

**Emenda 8**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) Il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi strateġija ġdida għad-deċennju li jmiss, l-Istrateġija Ewropa 2020, sabiex tippermetti lill-UE toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi, u biex tindirizza l-ekonomija tagħha lejn tkabbir ***intelliġenti***, sostenibbli u inklużiv. ***Ħames*** miri ***ewlnin***, elenkati taħt il-linji gwida relevanti, jiffurmaw għanijiet komuni li jmexxu l-azzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu kull sforz*** biex jilħqu l-miri nazzjonali ***u*** biex ***jeliminaw ostakli li jfixklu*** t-tkabbir. | (7) Il-Kummissjoni pproponiet li tistabbilixxi strateġija ġdida għad-deċennju li jmiss, l-Istrateġija Ewropa 2020, sabiex tippermetti lill-UE toħroġ iktar b'saħħitha mill-kriżi ***u biex tirrispondi wkoll b'mod aktar effettiv għal taqlib u kriżijiet futuri***, u biex tindirizza l-ekonomija tagħha lejn tkabbir ***vijabbli***, sostenibbli ***f'sens ekoloġiku u ekonomiku*** u inklużiv***, li jkun akkumpanjat minn livelli għoljin ta' impjieg, produttività u koeżjoni soċjali***. ***Il-miri ewlenin***, elenkati taħt il-linji gwida relevanti, jiffurmaw għanijiet komuni li jmexxu l-azzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni. L-Istati Membri għandhom ***jimpenjaw ruħhom*** li jilħqu l-miri nazzjonali. ***Għandhom jikkonċentraw fuq iż-żieda fl-impjiegi*** u biex jeliminaw ***kull xkiel li jxekkel it-tkabbir illi jirriżulta mil-leġislazzjoni, mill-burokrazija u mill-allokazzjoni żbaljata ta' riżorsi fil-livell nazzjonali***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) Bħala parti mill-'istrateġiji ta' ħruġ' komprensivi għall-kriżi ekonomika, l-Istati Membri ***għandhom*** iwettqu riformi ***ambizzjużi*** biex ***jiżguraw*** l-istabbiltà makroekonomika u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, itejjbu l-kompetittività, inaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi u jsaħħu l-prestazzjoni tas-suq *tal-impjieg*. L-irtirar tal-istimolu fiskali għandu jiġi implimentat u kkoordinat fi ħdan il-qafas tal-Patt għall-Istabbiltà u t-Tkabbir. | (8) Bħala parti mill-'istrateġiji ta' ħruġ' komprensivi għall-kriżi ***ekonomika u mill-istrateġiji komprensivi għall-ħolqien tal-kundizzjonijiet tat-tkabbir***, l-Istati Membri ***jridu jwettqu u jżomm fis-seħħ*** riformi ***strutturali maħsuba*** biex ***jaċċertaw*** l-istabbiltà makroekonomika***, il-promozzjoni ta' iżjed impjiegi u ta' impjiegi mtejba*** u s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, itejbu l-kompetittività ***u l-produttività***, inaqqsu l-iżbilanċi makroekonomiċi***, iqawwu*** l-***koeżjoni soċjali, jiġġieldu l-faqar*** u jsaħħu l-prestazzjoni tas-suq *tal-impjiegi*. L-irtirar ***gradwali*** tal-istimolu fiskali***, li għandu jinbeda malli l-qawmien mill-ġdid sostenibbli tal-ekonomija jkun żgurat,*** għandu jiġi implimentat u kkoordinat ***inter alia*** fi ħdan il-qafas tal-Patt għall-Istabbiltà u t-Tkabbir. ***Madankollu, sabiex fil-prattika jinkisbu l-għanijiet ta' koeżjoni ekonomika u soċjali sostenibbli, għandhom jintgħelbu l-iżbilanċi makroekonomiċi ewlenin u d-diskrepanzi bejn l-Istati Membri.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 8 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) L-Ewropa 2020 għandha tkun strateġija li qabelxejn tpoġġi l-ewwel lin-nies u l-protezzjoni tal-ambjent, u strateġija li twassal għall-ħruġ mill-kriżi, tevita kollass ekonomiku u soċjali ieħor, tkun ikkoordinata mill-qrib ma' politika strutturali u ta' koeżjoni, tagħti spinta lill-ekonomiji tagħna fiż-żmien medju u twil, u tittratta l-isfidi għas-suq tax-xogħol li ġejjin minn soċjetà li qed tixjieħ.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (9) Fi ħdan l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw riformi mmirati lejn 'tkabbir intelliġenti', jiġifieri tkabbir ibbażat fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. Ir-riformi għandhom jimmiraw lejn titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni, billi jiżguraw aċċess għal kulħadd, u bit-tisħiħ tar-riċerka u l-prestazzjoni tan-negozju bil-għan tal-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien ***fl-UE*** kollha. Għandhom iħeġġu l-ispirtu intraprenditorjali u jgħinu biex jittraduċu ideat kreattivi f'prodotti innovattivi, servizzi u proċessi li jistgħu joħolqu tkabbir, impjiegi ta' kwalità, koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, u jindirizzaw b'mod iktar effiċjenti l-isfidi relatati mas-soċjetà Ewropea u globali. L-isfruttar bi sħiħ tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni huwa essenzjali f'dan il-kuntest. | (9) Fi ħdan l-Istrateġija Ewropa 2020, l-Istati Membri għandhom jimplimentaw riformi mmirati lejn 'tkabbir intelliġenti', jiġifieri tkabbir ibbażat fuq l-għarfien u l-innovazzjoni. Ir-riformi għandhom jimmiraw lejn titjib fil-kwalità tal-edukazzjoni, billi jiżguraw aċċess għal kulħadd***, inaqqsu l-għadd ta' nies li jonqsu milli jlestu l-iskola jew it-taħriġ tagħhom, jaffermaw id-dritt ta' kull individwu għal tagħlim tul il-ħajja sabiex il-ħiliet jiġu rikonoxxuti*** u ***ċċertifikati,*** u ***jsaħħu ir-riċerka*** u l-prestazzjoni tan-negozju bil-għan tal-promozzjoni tal-innovazzjoni u t-trasferiment tal-għarfien ***fl-Unjoni Ewropea*** kollha***, sabiex jgħinu fil-qerda tal-iżbilanċi reġjonali u jevitaw il-"brain drain"***. Għandhom iħeġġu l-ispirtu intraprenditorjali ***u l-iżvilupp ta' intrapriżi ta' daqs żgħir*** u ***medju (SME) u*** jgħinu biex jittraduċu ideat kreattivi f'prodotti servizzi ***innovattivi u ta' valur soċjali*** u proċessi li jistgħu joħolqu tkabbir, impjiegi ta' kwalità ***u sostenibbli***, koeżjoni territorjali, ekonomika u soċjali, u jindirizzaw b'mod iktar effiċjenti l-isfidi relatati mas-soċjetà Ewropea u globali. L-isfruttar bi sħiħ tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni huwa essenzjali f'dan il-kuntest. |

**Emenda 12**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(9a) Sabiex iżidu t-tkabbir ekonomiku, l-Istati Membri għandhom jiġġieldu kontra l-miżuri li jrażżnuh, pereżempju l-piż burokratiku, ir-regolazzjoni u l-istandards eċċessivi, it-taxxi għoljin u t-tendenzi*** |

| | |
|---|---|
| | ***protezzjonisti.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Il-kisba ta' suq uniku profond u effiċjenti hija element ewlieni biex tiġi żgurata l-prestazzjoni makroekonomika ġenerali tal-UE; huwa kruċjali b'mod partikolari għas-solidità tal-unjoni ekonomika u monetarja li jitwasslu benefiċċji ekonomiċi, jiġi rrestawrat it-tkabbir u jinħolqu opportunitajiet ġodda ta' xogħol.*** |

**Emenda 60**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 9 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9c) Huma u jfasslu u jimplimentaw il-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u filwaqt li jqisu l-linji gwida tal-Anness, l-Istati Membri għandhom jiżguraw governanza effikaċi tal-politiki soċjali u tal-impjiegi. Il-partijiet interessati, inklużi dawk fil-livelli reġjonali u lokali u anke dawk milquta mill-aspetti differenti tal-UE-2020, il-korpi parlamentari u s-sħab soċjali għandhom ikunu involuti mill-qrib matul it-tfassil u l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' dawk il-programmi, inkluż fid-definizzjoni tal-miri u l-indikaturi. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw mill-qrib l-impatt soċjali u tal-impjiegi, tar-riformi implimentati skont il-programmi ta' riforma nazzjonali rispettivi.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal deċiżjoni**

**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Istati Membri għandhom ukoll, permezz tal-programmi ta' riforma tagħhom, jimmiraw lejn 'tkabbir sostenibbli'. Tkabbir sostenibbli jfisser bini ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittiva, tqassim ġust tal-ispejjeż u l-benefiċċji u l-isfruttar tal-pożizzjoni ta' tmexxija tal-Ewropa fit-tellieqa għall-iżvilupp ta' proċessi u teknoloġiji ġodda, inkluż teknoloġiji ekoloġiċi. L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-riformi neċessarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti. Għandhom itejbu wkoll l-ambjent tan-negozju, jistimolaw il-ħolqien ta' impjiegi ***ekoloġiċi u*** jimmodernizzaw il-bażi industrijali tagħhom. | (10) L-Istati Membri għandhom ukoll, permezz tal-programmi ta' riforma tagħhom ***li huma bbażati fuq il-ħolqien ta' impjiegi diċenti***, jimmiraw lejn 'tkabbir sostenibbli'. Tkabbir sostenibbli jfisser bini ta' ekonomija effiċjenti fir-riżorsi, sostenibbli u kompetittiva, tqassim ġust tal-ispejjeż u l-benefiċċji ***b'finanzjament suffiċjenti għar-ristrutturar,*** u l-isfruttar tal-pożizzjoni ta' tmexxija tal-Ewropa fit-tellieqa għall-iżvilupp ta' proċessi u teknoloġiji ġodda, inkluż teknoloġiji ***partikularment*** ekoloġiċi***, u għall-ħolqien tal-impjiegi. Dawn it-teknoloġiji għandhom, kemm jista' jkun, ikunu aċċessibbli għall-kumpaniji kollha, inklużi l-mikrointrapriżi u l-SMEs.*** L-Istati Membri għandhom jimplimentaw ir-riformi neċessarji biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u jużaw ir-riżorsi b'mod effiċjenti. Għandhom itejbu wkoll l-ambjent tan-negozju, jistimolaw il-ħolqien ta' impjiegi ***sostenibbli fl-ekonomija l-ġdida u l-qadima, anke billi jiżguraw l-provvista ta' taħriġ u ħiliet meħtieġa minn dawn l-impjiegi, u*** jimmodernizzaw il-bażi industrijali tagħhom***, b'mod partikolari fil-qasam tal-konverżjoni***. |

**Emenda 15**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-programmi ta' riforma tal-Istati Membri għandhom ikunu mmirati wkoll lejn 'tkabbir inklużiv'. It-tkabbir inklużiv ifisser bini ta' koeżjoni soċjali li fiha n-nies jingħataw is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla, u b'hekk jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà u l-ekonomija. Ir-riformi tal-Istati Membri għalhekk għandhom jiżguraw aċċess u | (11) Il-programmi ta' riforma tal-Istati Membri għandhom ikunu mmirati wkoll lejn 'tkabbir inklużiv'. It-tkabbir inklużiv ifisser bini ta' koeżjoni soċjali li fiha n-nies jingħataw is-setgħa li jantiċipaw u jamministraw il-bidla***, b'mod partikolari li ġabu magħhom teknoloġiji ġodda, l-awtomatizzazzjoni u r-rivoluzzjoni tal-kompjuters,*** sabiex jipparteċipaw b'mod |

| | |
|---|---|
| opportunitajiet għal kulħadd fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu, biex b'hekk jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, permezz tal-eliminazzjoni tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tal-impjieg b'mod speċjali għan-nisa, ħaddiema anżjani, żgħażagħ, persuni ***b'diżabbiltà u*** migranti legali. Għandhom jiżguraw ukoll li l-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku jilħqu liċ-ċittadini lir-reġjuni kollha. L-iżgurar ta' funzjonament effettiv tas-swieq tal-impjieg permezz ta' investiment f'tranżizzjonijiet b'suċċess, ***żvilupp adattat*** tal-kapaċitajiet, kwalità dejjem tikber tal-impjiet u l-ġlieda kontra s-segmentazzjoni, il-qgħad strutturali u l-inattività filwaqt li jiġu żgurat ħarsien soċjali adegwat u sostenibbli u inklużjoni attiva għat-tnaqqis tal-faqar għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-programmi ta' riforma tal-Istati Membri. | attiv fis-soċjetà u fl-ekonomija. Ir-riformi tal-Istati Membri għalhekk għandhom jiżguraw aċċess u opportunitajiet għal kulħadd fiċ-ċiklu tal-ħajja kollu, biex b’hekk jitnaqqsu l-faqar u l-esklużjoni soċjali, permezz tal-eliminazzjoni tal-ostakli għall-parteċipazzjoni fis-suq tal-impjieg b’mod speċjali għan-nisa, ħaddiema anzjani, żgħażagħ, persuni ***li jipprovdu l-kura, persuni b’diżabbiltajiet, ħaddiema bla kapaċitajiet, minoranzi, b’mod partikolari r-Roma,*** migranti legali ***u dawk li ma jistgħux jieħdu sehem fis-suq tax-xogħol. Billi jdaħħlu fis-seħħ strumenti xierqa, l-Istati Membri għandhom*** jiżguraw ukoll li l-benefiċċji tat-tkabbir ekonomiku jilħqu liċ-ċittadini lir-reġjuni kollha. L-iżgurar ta’ funzjonament effettiv tas-swieq tal-impjieg permezz ta’ investiment f’tranżizzjonijiet b’suċċess, ***sistemi ta' taħriġ u l-iżvilupp ta' kapaċitajiet li jkunu jaqblu mal-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol,*** iż-żieda fil-kwalita' tal-impjieg u l-ugwaljanza bejn is-sessi, il-ġlieda kontra s-segmentazzjoni, ***billi tiġi pprovduta sigurtà għall-ħaddiema taħt kull forma ta’ impjieg, id-diskriminazzjoni,*** il-qgħad strutturali - ***b'mod partikulari l-qgħad fost iż-żgħażagħ*** u l-inattività filwaqt li jiġi żgurat ħarsien soċjali adegwat u sostenibbli u inklużjoni attiva għat-tnaqqis tal-faqar għandhom ikunu fiċ-ċentru tal-programmi ta’ riforma tal-Istati Membri. |

**Emenda 16**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Fil-kuntest tal-objettiv “tkabbir inklussiv” l-Istati Membri għandhom, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni, jistabbilixxu qafas leġislattiv xieraq għall-forom ġodda ta’ impjieg. Tali qafas għandu jara li jiġu żgurati forom flessibbli ta’ impjiegi, filwaqt li jevita s-segmentazzjoni u jiggarantixxi protezzjoni komprensiva tad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***drittijiet tal-ħaddiema individwali u kollettivi, inkluża l-kompatibilità tax-xogħol mal-ħajja privata, kif ukoll sigurtà soċjali xierqa għall-ħaddiema.*** |

**Emenda 61**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 11 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) Il-programmi ta' riformi tal-Istati Membri għandu jkollhom l-għan li jrawmu t-tkabbir li jkattar l-impjiegi abbażi ta' xogħol deċenti kif promoss mill-ILO u "xogħol tajjeb", bħala prinċipji ta' gwida, li għandhom jgħoddu kemm għall-ħolqien tax-xogħol kif ukoll għall-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol. Fi ħdan dak il-qafas, għandhom jiġu ssalvagwardjati u msaħħa t-trattament ugwali u l-paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post tax-xogħol kif stipulat fl-Artikoli 18 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għandha tingħata wkoll attenzjoni partikolari fir-rigward tat-tnaqqis tal-faqar fost l-għadd dejjem jikber ta' ħaddiema foqra, u fir-rigward tal-ġlieda kontra l-faqar tat-tfal.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Ir-riformi strutturali tal-UE u tal-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu effettivament *għat-tkabbri* u l-impjieg jekk isaħħu l-kompetittività tal-UE fl-ekonomija globali, jiftħu opportunitajiet ġodda għall-esportaturi Ewropej u jipprovdu aċċess kompetittiv għall-importazzjonijiet vitali. Għalhekk ir-riformi għandhom iqisu l-implikazzjonijiet tal-kompetittività esterna biex iwasslu għal tkabbir ***Ewropew*** u l-parteċipazzjoni f'swieq miftuħa u ekwi fid- | (12) Ir-riformi strutturali tal-UE u tal-Istati Membri jistgħu jikkontribwixxu effettivament *għat-tkabbr* kwalitattiv u *għall-impjiegi* ***ta' kwalità jekk jirreaġixxu b'mod adegwat għall-kriżi ekonomika u finanzjarja kontinwa biex b'hekk*** isaħħu l-kompetittività tal-UE fl-ekonomija globali, jiftħu opportunitajiet ġodda għall-esportaturi Ewropej u jipprovdu aċċess kompetittiv għall-importazzjonijiet vitali. Għalhekk ir-riformi għandhom iqisu l- |

| | |
|---|---|
| dinja kollha. | implikazzjonijiet tal-kompetittività esterna biex iwasslu għal tkabbir ***fl-Unjoni Ewropea*** u l-parteċipazzjoni f'swieq miftuħa u ekwi fid-dinja kollha*,* ***bl-UE li tfittex superviżjoni globali ta' parteċipanti li għandhom influwenza sinifikanti fuq l-impjiegi, il-mobbiltà tax-xogħol u l-prodotti finanzjarji soċjali bħall-pensjonijiet***. |

**Emenda 18**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) L-istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun mirfuda b'għadd ta' politiki integrati, li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***bi sħiħ*** u ***bl-istess pass***, sabiex jinkisbu l-effetti kollaterali pożittivi ta' riformi strutturali kkoordinati. | (13) L-istrateġija Ewropa 2020 għandha tkun mirfuda b'għadd ta' politiki integrati, li l-Istati Membri għandhom jimplimentaw ***b'mod effettiv, billi jqisu kif jixraq is-sitwazzjonijiet domestiċi tagħhom u d-diffikultajiet partikolari tagħhom***, sabiex jinkisbu l-effetti kollaterali pożittivi ta' riformi strutturali kkoordinati. ***Għandha tkun żgurata l-koerenza bejn l-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri fl-oqsma tal-ekonomija, tal-impjiegi u soċjali.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13a) Il-ħolqien ta' kundizzjonijiet għan-nisa u l-bniet biex jidħlu fis-setturi fejn in-nisa mhumiex rappreżentati tajjeb u biex jingħelbu l-isterjotipi li għadhom jiddominaw fil-professjonijiet hu importanti biex jiġu żgurati kemm l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-provvista tas-suq tax-xogħol. Il-politiki u l-miżuri kollha fil-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 għalhekk għandhom jippromwovu bil-qawwa l-opportunitajiet indaqs u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom ikunu speċifiċi għall-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-ġeneru. Dan jinkludi*** |

***inizjattivi mmirati lejn it-tisħiħ tad-drittijiet tan-nisa u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra n-nisa. Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom ikunu riveduti bil-ħsieb li jiġu aboliti l-elementi li jiġġeneraw l-inugwaljanzi. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jissaħħew fejn in-nisa huma rappreżentati f'ammonti kbar. Il-kwistjoni tal-impjieg part-time involontarju għandha tiġi indirizzata. L-ugwaljanza bejn is-sessi fit-taħriġ u l-edukazzjoni għandha tissaħħaħ. Sal-2020 id-distakk tal-pagi għandu jitnaqqas għal 0-5 %. Forniment akbar ta' servizzi ta' kura aktar aċċessibbli, bi prezzijiet raġonevoli, flessibbli u ta' kwalità għolja għal kulħadd, b'mod partikolari l-aċċess għal faċilitajiet ta' kura tat-tfal huwa mod importanti biex jiġi ffaċilitat u promoss il-proċess lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi.***

**Emenda 20**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13 b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(13b) L-Istati Membri għandhom iqisu l-istrateġija Ewropa 2020, u b'mod partikolari, l-aspetti tal-impjiegi u dawk soċjali, huma u jipprogrammaw u jimplimentaw il-finanzjament tal-UE, inkluż dak mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond Ewropew għal-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni. L-importanza hija enfasizzata mill-ħtieġa għal iktar użu tas-sinerġiji u l-komplementaritajiet tad-diversi strumenti finanzjarji disponibbli sabiex jintlaħqu l-miri kumplessi tal-Istrateġija tal-UE 2020 għal tkabbir intelliġenti, inklussiv u ekoloġiku u biex ikun hemm appoġġ iktar effettiv għall-mikroreġjuni l-iktar żvantaġġati u l-gruppi l-iktar vulnerabbli li jaffaċċjaw żvantaġġi multidimensjonali kumplessi. L-użu tal-finanzjament Ewropew huwa li jnaqqas in-numru ta' ostakli burokratiċi u*** |

***li jiffaċilita l-miżuri ta' terminu twil.***

**Emenda 62**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 13 c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(13c) Filwaqt li jibnu fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni bħala sostenn tal-impjiegi u l-inklużjoni soċjali, jappoġġaw ir-reġjuni biex jegħlbu d-diffikultajiet soċjoekonomiċi tagħhom u jnaqqsu d-disparitajiet, kif ukoll jakkomodaw l-ispeċifiċitajiet reġjonali, l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien sabiex jirranġaw, jikkomplementaw, jikkoordinaw u jaġġustaw il-miri nazzjonali tagħhom internament u bejniethom, b'tali mod li jnaqqsu l-iżbilanċi tal-iżvilupp ekonomiku bejn ir-reġjuni.*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Filwaqt li dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-Istati Membri, l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tiġi implimentata bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-assoċjazzjoni mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll imsieħba soċjali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, li għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programmi ta' riforma nazzjonali, għall-implimentazzjoni tagħhom u għall-komunikazzjoni ġenerali dwar l-istrateġija. | (14) Filwaqt li dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-Istati Membri, l-istrateġija Ewropa 2020 għandha tiġi implimentata bi sħubija mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali kollha, bl-assoċjazzjoni mill-qrib tal-parlamenti, kif ukoll imsieħba soċjali u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, li għandhom jikkontribwixxu għat-tfassil tal-programmi ta' riforma nazzjonali, għall-implimentazzjoni tagħhom u għall-komunikazzjoni ġenerali dwar l-istrateġija***, peress li l-politika soċjali għandha tirrispondi għaċ-ċirkustanzi u l-preferenzi lokali***. |

**Emenda 22**

**Premessa 14 a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(14a) Sabiex jiġi żgurat li l-linji gwida tal-politika tax-xogħol jiġu implimentati fl-Istati Membri, il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni għandu jitjieb minħabba li l-impatt tiegħu fl-Istati Membri huwa żgħir wisq.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 15**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (15) L-istrateġija Ewropa 2020 hija mirfuda minn grupp ***iżgħar*** ta' linji gwida, li jissostitwixxi l-grupp preċedenti ta' 24 u li jindirizza kwistjonijiet ta' impjieg u politika ekonomika ġenerali b'mod koerenti. Il-linji gwida għall-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri, annessi ma' din id-Deċiżjoni, huma marbutin b'mod intrinsiku mal-linji gwida għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, annessi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill […] ta' […]. Flimkien, jiffurmaw il-'Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020'. | (15) L-istrateġija Ewropa 2020 hija mirfuda minn grupp ta' linji gwida, li jissostitwixxi l-grupp preċedenti ta' 24 u li jindirizza kwistjonijiet ta' impjieg***, il-konsolidazzjoni tal-koeżjoni soċjali,*** u politika ekonomika ġenerali b'mod koerenti. Il-linji gwida għall-politiki tal-impjieg tal-Istati Membri, annessi ma' din id-Deċiżjoni, huma marbutin b'mod intrinsiku mal-linji gwida għall-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri u tal-Unjoni, annessi mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill […] ta' […]. Flimkien, jiffurmaw il-'Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020'. |

**Emenda 24**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (16) Dawn il-linji gwida integrati ġodda jirriflettu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Huma jagħtu direzzjoni preċiża lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u fl-implimentazzjoni tar-riformi, jirriflettu l-interdipendenza u huma konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn il-linji | (16) Dawn il-linji gwida integrati ġodda jirriflettu l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew. Huma jagħtu direzzjoni preċiża lill-Istati Membri fid-definizzjoni tal-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom u fl-implimentazzjoni tar-riformi, jirriflettu l-interdipendenza u huma konformi mal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Dawn il-linji |

| | |
|---|---|
| gwida għandhom jiffurmaw il-bażi għal kwalunkwe rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri. Għandhom ikunu wkoll il-bażi għall-istabbiliment tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg li jintbagħat kull sena mill-Kunsill u l-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew. | gwida għandhom jiffurmaw il-bażi għal kwalunkwe rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż li l-Kunsill jista' jindirizza lill-Istati Membri***b' kont meħud tal-punti differenti ta' tluq tal-Istati Membri***. Għandhom ikunu wkoll il-bażi għall-istabbiliment tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjieg li jintbagħat kull sena mill-Kunsill u l-Kummissjoni lill-Kunsill Ewropew. |

**Emenda 63**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 16 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Il-miri ewlenin elenkati taħt il-linji gwida relevanti għandhom jiggwidaw lill-Istati Membri fl-iffissar tal-miri u s-sottomiri nazzjonali tagħhom stess, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari fir-rigward taż-żieda tal-impjiegi u t-tnaqqis tal-qgħad fost il-gruppi l-aktar vulnerabbli, inklużi ż-żgħażagħ, fir-rigward taż-żieda fil-livell tal-edukazzjoni u t-tnaqqis tar-rati ta' persuni li jitilqu mill-iskola qabel iż-żmien, u fir-rigward tal-ħruġ tal-persuni mill-faqar. Il-progress favur il-kisba tal-miri u s-sottomiri għandu jiġi ssorveljat mill-qrib u vvalutat mal-objettivi tal-Ewropa 2020 u, jekk ikun xieraq, għandhom jiġu stabbiliti miri u sottomiri riveduti jew addizzjonali waqt ir-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) ***Għalkemm dawn iridu jitfasslu kull sena,*** dawn il-linji gwida għandhom jibqgħu stabbli ***sal-2014 biex tiġi żgurata attenzjoni fuq l-implimentazzjoni***, | (17) ***Dawn*** il-linji gwida *fil-biċċa l-kbira tagħhom* għandhom jibqgħu stabbli ***sal-2020***, ***biex ikun żgurat li l-kisba tal-objettivi stabbiliti fihom tkun tista' tiġi evalwata b'mod xieraq***. ***Kull tliet snin*** |

| | |
|---|---|
| | ***għandha ssir evalwazzjoni tal-objettivi miksuba***. |

**Emenda 26**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Premessa 17 a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) Sadattant, il-miżuri meħuda u r-riżultati tagħhom għandhom jiġu analizzati xjentifikament u jiġu riveduti b'mod kritiku.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-linji gwida fl-Anness għandhom ***jiġu kkunsidrati*** fil-politika tal-impjieg tal-Istati Membri, u ***għandhom isiru rapporti dwarhom fil-programmi ta' riforma nazzjonali***. ***L-Istati Membri għandhom ifasslu programmi ta' riforma*** konsistenti mal-miri stabbiliti ***fil-'Linji*** Gwida ***Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020***'. | Il-linji gwida fl-Anness ***u l-programmi ta' riforma nazzjonali*** għandhom jiġu ***implimentati*** fil-politika tal-impjieg tal-Istati Membri. ***L-impjieg u l-impatt soċjali tal-programmi ta' riforma nazzjonali,*** li ***għandhom ikunu*** konsistenti mal-miri stabbiliti ***f'dawk il-Linji*** Gwida, ***iridu jiġu mmonitorjati bir-reqqa***. |

**Emenda 28**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Artikolu 2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 2a*** |
| | ***Huma u jfasslu u jimplimentaw il-programmi nazzjonali tagħhom ta' riforma b' kont meħud tal-linji gwida tal-Anness, l-Istati Membri għandhom jiżguraw governanza effikaċi tal-politika tal-impjiegi u dik soċjali. Il-persuni interessati, inklużi dawk fil-livelli reġjonali u lokali u anke dawk milquta mill-aspetti differenti tal-istrateġija Ewropa 2020, il-korpi parlamentari u s-*** |

| | |
|---|---|
| | ***sħab soċjali għandhom ikunu involuti mill-qrib matul it-tfassil u l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni ta' dawk il-programmi, inkluż fid-definizzjoni tal-miri u tal-indikaturi.***<br><br>***Il-miri ewlenin tal-UE, kif stipulati fl-Anness, għandhom ikunu segwiti b'sottomiri u indikaturi adegwati, inklużi indikaturi tal-eżitu u tar-riżultati, kif ukoll miri, indikaturi u tabelli nazzjonali. L-Istati Membri għandhom iqisu dawk il-miri u indikaturi, flimkien mal-linji gwida u kwalunkwe rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż li jindirizzalhom il-Kunsill.***<br><br>***L-Istati Membri għandhom jissorveljaw mill-qrib l-impatt, f'termini soċjali u tal-impjiegi, tar-riformi implimentati skont il-programmi nazzjonali ta' riforma rispettivi tagħhom.***<br><br>***Meta jirrapportaw dwar l-applikazzjoni tal-linji gwida fl-Anness, l-Istati Membri għandhom isegwu l-istruttura li għandha tiġi maqbula fil-livell tal-Unjoni u għandhom jinkludu l-istess elementi biex jiżguraw iċ-ċarezza, it-trasparenza u l-komparabbiltà bejn l-Istati Membri.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Linja gwida 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Linja-gwida 7: ***Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol*** u tnaqqis fil-qgħad ***strutturali*** | Linja-gwida 7: ***Ħolqien ta' iżjed impjiegi u aħjar,*** u tnaqqis fil-qgħad ***u żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol sa 75% tal-popolazzjoni attiva*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati membri għandhom jistabbilixxu l-*** |

| | |
|---|---|
| | ***miri nazzjonali tagħhom biex iżidu r-rata tal-impjiegi għan-nisa u l-irġiel sa 75% sal-2020, bil-għan li jiksbu okkupazzjoni sħiħa, speċjalment bil-parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol miż-żgħażagħ, ħaddiema anzjani, ħaddiema b'kapaċitajiet baxxi, persuni b'diżabbiltajiet, il-minoranzi, b'mod partikolari r-Roma, u b'iktar integrazzjoni tal-migranti legali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ifasslu l-miri nazzjonali tagħhom b'tali mod li jkabbru għal 90% s-sehem tan-nisa u l-irġiel bejn il-15 u l-24 li jkollhom impjieg jew ikunu fl-edukazzjoni.***<br><br>***L-Istati Membri għandhom iżidu r-rata tal-impjiegi sal-2014 b'10%, billi jiffokaw fuq dawn il-gruppi partikolari:***<br><br>***- żgħażagħ bejn il-15 u l-25 sena;***<br><br>***- ħaddiema ikbar ta' bejn il-50 u l-64 sena;***<br><br>***- nisa;***<br><br>***- ħaddiema bla kapaċitajiet;***<br><br>***- persuni b'diżabbiltà ;***<br><br>***- persuni bi sfond ta' migrazzjoni;***<br><br>***Ir-rata ta' persuni li ilhom qiegħda għandha tonqos b'10%.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati*** Membri għandhom ***jintegraw il-prinċipji ta' flessikurtà approvati mil-Kunsill Ewropew fil-politiki tas-suq tax-xogħol tagħhom u japplikawhom, biex b'hekk jagħmlu użu sħiħ mill-appoġġ tal-Fond Soċjali Ewropew bil-għan li tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol u biex jegħlbu s-segmentazzjoni u l-inattività, l-inguwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li jnaqqsu l-qgħad strutturali. Miżuri biex jtejbu l-flessibbiltà*** u ***s-sigurtà*** | ***Biex jilħqu din il-mira, l-Istati*** Membri għandhom ***irawmu t-tkabbir u b'hekk joħolqu impjiegi ġodda, iżidu l-potenzjal tal-innovazzjoni fl-ekonomija, b'mod speċjali tal-SMEs*** u ***jeħilsu lill-industrija minn kull xkiel amministrattiv*** u ***mhux tariffarju***. ***Għal dan il-għan, l-Istati*** Membri għandhom ***ukoll jiżviluppaw strumenti regolatorji u ta' appoġġ li jikkunsidraw il-pluralità tan-negozju sabiex il-forom kollha ta' kumpaniji*** |

| | |
|---|---|
| ***għandhom ikunu kemm bilanċjati*** kif ukoll ***ta' tisħiħ reċiproku***. ***Għalhekk*** l-Istati Membri ***għandhom jintroduċu taħlita ta' kuntratti flessibbli*** u ***affidabli ta' impjieg, politiki attivi tas-suq*** tax-xogħol, ***tagħlim tul il-ħajja effettiv, politiki għall-promozzjoni tal-mobbiltà fix-xogħol, u sistemi ta' sigurtà soċjali*** adegwati ***biex jiġu żgurati tranżizzjonijiet professjonali akkumpanjati minn drittijiet*** u ***responsabbiltajiet ċari sabiex in-nies*** qiegħda ***jfittxu x-xogħol b'mod attiv***. | ***jkollhom kundizzjonijiet ekwivalenti fir-rigward tal-kompetizzjoni*** kif ukoll ***tal-promozzjoni***. ***Biex jittejjeb l-aċċess tan-nisa u taż-żgħażagħ għas-suq*** tax-xogħol, ***għandhom jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-faċilitajiet adegwati ta' kura tat-tfal, billi qabelxejn jitqiesu l-isfidi demografiċi, sabiex kull wild li jkun iżgħar mill-età tal-iskola ikun jista' jitqiegħed f'post tal-kura barra l-familja, u ż-żgħażagħ kollha jingħatalhom impjieg reali jew post tat-taħriġ jew ta' edukazzjoni ulterjuri fi żmien erba' xhur mindu jkunu temmu l-edukazzjoni tagħhom, b'koperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali. In-nies*** qiegħda ***fit-tul għandhom jirċievu offerti ta' miżuri ta' impjegabbiltà li għalihom il-miri kwantitattivi għandhom jiġu stabbiliti sabiex isaħħu l-politiki preventivi tas-suq tax-xogħol. Għalhekk, tal-inqas 25% ta' dawk qiegħda fit-tul għandhom jipparteċipaw f'miżura ta' suq tax-xogħol attiv fil-forma ta' taħriġ avvanzat, edukazzjoni u/jew t-trasferiment għal impjieg ġdid.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***iżidu d-djalogu soċjali*** u ***jindirizzaw is-segmentazzjoni*** tas-suq tax-xogħol ***b'miżuri indirizzati lejn l-impjieg temporanju*** u ***prekarju***, ***rata baxxa ta' impjieg*** u ***xogħol mhux iddikjarat***. ***Il-mobbiltà professjonali*** għandha ***tiġi ppremjata***. ***Il-kwalità tal-impjiegi*** u ***l-kundizzjonijiet*** tal-impjieg għandhom ikunu ***indirizzati permezz tal-ġlieda kontra l-pagi baxxi*** u ***billi tiġi żgurata sigurtà soċjali adegwata għal dawk li għandhom kuntratti fissi*** kif ukoll ***għal min jaħdem għal rasu***. ***Is-servizzi tal-impjieg*** għandhom *ikunu* ***imsaħħa*** u ***miftuħin għal kulħadd***, ***inkluż iż-żgħażagħ*** u ***dawk li jinsabu mhedda mill-qgħad b'servizzi personalizzati mmirati*** | L-Istati Membri ***b'koperazzjoni mal-imsieħba soċjali*** għandhom ***iżidu r-rata tal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri ta' attivazzjoni, partikolarment għaż-żgħażagħ, għal dawk b'kapaċitajiet baxxi u għal nies li jirrikjedu protezzjoni u/jew appoġġ, permezz tal-għoti ta' pariri u taħriġ professjonali adattat għall-ħtiġijiet tas-suq*** tax-xogħol. ***L-Istati Membri għandhom jissalvagwardjaw u jsaħħu t-trattament ugwali u l-paga ugwali għal xogħol ugwali fl-istess post tax-xogħol kif stabbilit fl-Artikoli 18 u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Il-kwalità tal-impjieg għandha wkoll tiġi ttrattata billi jitnaqqas l-għadd*** |

***lejn dawk l-iktar imbegħdin*** mis-suq tax-xogħol.

***ta' ħaddiema foqra. Barra minn hekk,*** permezz ta' ***programmi adewati, l-Istati Membri għandhom ikabbru l-impjegabbiltà tal-migranti legali. Jeħtieġ ukoll li jkun hemm programmi innovattivi*** u ***sforzi kontinwi li jerġgħu jintegraw lill-persuni b'diżabbiltà fis-suq tax-xogħol, inkluż permezz ta' xogħlijiet sussidjati. L-Istati Membri għandhom iwarrbu l-ostakli li jtaqqlu d-dħul fis-suq tax-xogħol għal min ikun dieħel fih għall-ewwel darba, jappoġġaw il-ħolqien tal-impjiegi, iġibu 'l quddiem l-innovazzjoni soċjali u jtejbu l-kwalità u l-effikaċja tas-servizzi tar-reklamar tal-impjiegi, inklui dawk tal-uffiċċji tal-impjiegi. Iċ-ċentri tax-xogħol iridu jipprovdu programmi ta' taħriġ u ta' konsulenza b'mod partikolari fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, kif ukoll l-aċċess għal internet b'veloċità għolja għal dawk li qed ifittxu xogħol, speċjalment l-anzjani, il-migranti legali, il-minoranzi etniċi*** u ***l-persuni b'diżabilitajiet, sabiex it-tiftix tal-impjieg jitħaffef bl-aħjar mod possibbli. Forom individwali u kollettivi ta' impjieg għal dawk li jaħdmu għal rashom permezz intrapriżi tal-ekonomija soċjali*** għandhom ikunu ***appoġġjati f'dan il-kuntest. Għandhom jittieħdu miżuri soċjali kontra d-dominanza ta' nisa f'xogħlijiet li jħallsu ftit*** u ***l-impjieg ta' nisa f'karigi maniġerjali għandu jkun promoss b'mod aktar effettiv sabiex tiġi evitata s-segmentazzjoni skont il-ġens speċifiku tas-suq tax-xogħol. B'mod partikolari, ir-regoli dwar ix-xogħol*** għandhom ***jiġu aġġustati sabiex jippermettu proċess ta' impjieg li jkun konformi mar-rekwiżiti tal-kumpatibilità tal-ħajja tal-familja max-xogħol***, kif ukoll ***tranżizzjoni aktar flessibbli mill-ħajja tax-xogħol għall-irtirar. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jinkoraġġixxu l-involviment tal-missirijiet biex jieħdu ħsieb lit-tfal, u jirrevedu s-sistemi tat-taxxa tagħhom sabiex is-sistemi jinċentivaw l-impjieg. Strateġiji interni u esterni tal-flessikurtà biex ikabbru l-flessibbiltà f'ġieħ reazzjoni iktar***

***effiċjenti għaċ-ċikli tal-produzzjoni,*** għandhom ***jiġu applikati aħjar permezz ta' politika attiva tax-xogħol u ta' sistemi soċjali adegwati li jkunu disponibbli għal ħaddiema taħt kull forma ta' impjieg, sabiex il-bdil tal-impjieg ma jwassalx għal piżijiet finanzjarji sproporzjonati. Għandu jiġi enfasizzat li l-flessibbiltà mingħajr is-sigurtà soċjali mhix mod sostenibbli ta' kif jiżdiedu l-impjiegi. Dawn l-istrateġiji għandhom ikunu kkompletati b'impenn mhux ambigwu favur l-irfid attiv tat-tiftix għax-xogħol. Forom ġodda ta' organizzazzjoni tax-xogħol, bħal xogħol temporanju atipiku, xogħol part-time u t-teleworking, jew il-mobilità tal-ħaddiema ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis fid-drittijiet tax-xogħol individwali u kollettivi u mill-protezzjoni soċjali għall-persuni konċernati. Għandu jiġi żgurat li mhumiex maħluqa forom ġodda ta' impjiegi li jistgħu jkunu ta' ħsara għall-kuntratti (full time, permanenti) regolari. Għandhom ukoll isiru sforzi biex jiġi miġġieled ix-xogħol mhux iddikjarat permezz ta' miżuri effettivi ta' sorveljanza*** u ***implimentazzjoni tad-drittijiet tax-xogħol. Ix-xogħol deċenti kif promoss mill-ILO u "x-xogħol tajjeb" bħala prinċipji ta' gwida għandhom jgħoddu kemm għall-ħolqien tax-xogħol u kemm għall-integrazzjoni*** tas-suq tax-xogħol***. Fit-tkabbir tal-funzjonament u l-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol, l-Istati Membri għandhom irawmu s-sħubija soċjali u jinvolvu b'mod attiv lill-imsieħba soċjali fl-elaborazzjoni tal-politika nazzjonali u għandhom jirrispettaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom, skont liġijiet u prattiki nazzjonali, biex jikkonkludu u jinfurzaw il-ftehimiet kollettivi.***

**Emenda 33**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu - 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***Hija ta' importanza primarja li jinħolqu impjiegi ta' kwalità għolja li huma meħtieġa wkoll fuq medda itwal ta' żmien u li għandhom ħafna valur miżjud. Għaldaqstant, huwa vitali li l-politiki tal-edukazzjoni u tal-impjieg għandhom jappoġġjaw bidliet fl-istruttura ekonomika. Bħala regola, ix-xogħlijiet li ntilfu matul il-kriżi ekonomika mhumiex se jerġgħu jinħolqu bl-istess numri fl-istess setturi bħal ma kienu qabel. Għalhekk, is-sistema edukattiva għandha tirreaġixxi b'mod flessibbli għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li jakkumpanjaw struttura ekonomika ġdida. Il-politika tal-impjieg għandha tiżgura li l-ħaddiema jkunu jistgħu jagħmlu tranżizzjoni bl-aktar mod faċli possibbli, kemm bejn is-setturi tal-ekonomija kif ukoll bejn l-istati differenti tas-suq tal-impjieg. Għalhekk, huwa aktar neċessarju minn qatt qabel li l-għanijiet fuq medda twila ta' żmien jittieħdu bħala punt ta' bidu u li tingħata aktar attenzjoni lill-miżuri kkoordinati fil-politiki tal-intrapriża, l-edukazzjoni u l-impjieg.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Sabiex*** tiżdied ***il-kompetittività*** u jiżdiedu ***l-livelli ta' parteċipazzjoni, b'mod partikolari għal dawk b'kapaċitajiet baxxi, u skont il-linja gwida ta' politka ekonomika 2, l-Istati Membri għandhom jirrevedu s-sistemi ta' taxxa u benefiċċji*** u ***l-kapaċità tas-servizzi pubbliċi*** li ***jipprovdu l-appoġġ neċessarju***. L-Istati Membri ***għandhom iżidu l-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol permezz ta' politiki li jippromwovu t-tixjieħ attiv, l-ugwaljanza bejn is-sessi, pagi ndaqs u integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għaż-żgħażagħ, il-persuni b'diżabbiltà, migranti legali u gruppi vulnerabbli oħra***. ***Politiki ta' konċiljazzjoni bejn il-ħajja familjari u dik*** | ***F'dan il-kuntest, ir-riżorsi tal-Fond Soċjali Ewropew għandhom jintużaw b'mod sħiħ biex*** tiżdied ***l-impjegabbiltà*** u ***l-kwalità ta' mpjieg ma' miżuri għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet personali*** u ***għall-qadi ta' rekwiżiti ta' kwalità f'impjiegi seminali***. ***Sabiex tiġi promossa l-mobbiltà fl-impjiegi, jeħtieġ li l-Istati*** Membri jtejbu ***l-attrattività tal-mobbiltà fl-Unjoni Ewropea billi jipprovdu inċentivi***. ***Biex dawn jinkisbu, għandhom jiġu eżaminati ir-regoli tal-kisba ta' sussidji mill-Fond Soċjali Ewropew*** u ***fejn hu possibbli jiġu simplifikati***. ***Il-baġits nazzjonali u l-baġit ġenerali tal-UE, inklużi l-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew ta'*** |

***professjonali b'dispożizzjoni ta' kura aċċessibbli u innovazzjoni fl-organizzazzjoni tax-xogħol*** għandhom ikunu diretti biex ***iżidu r-rati ta' impjieg, b'mod partikolari fost iż-żgħażagħ, ħaddiema ikbar fl-età u nisa, b'mod partikolari biex jinżammu n-nisa b'kapaċitajiet avvanzati fl-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi***. L-Istati Membri għandhom ***ineħħu wkoll l-ostakli għad-dħul fis-suq tax-xogħol għal min ikun ġdid, jappoġġjaw l-impjieg ta' min jaħdem għal rasu*** u ***l-ħolqien tal-impjiegi f'oqsma inkluż l-impjieg ekoloġiku u l-kura u jippromwovu l-innovazzjoni soċjali***. ***Globalizzazzjoni,*** għandhom ikunu ***kkordinati u*** diretti biex ***jippreparaw il-forza tax-xogħol għal ekonomija sostenibbli***. ***B'dan l-għan, l-Istati*** Membri għandhom ***jieħdu passi biex jippubblikaw informazzjoni dwar dawn il-fondi*** u ***l-kundizzjonijiet ta' użu***.

**Emenda 35**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu - 3 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-faċilità Ewropea ta' mikrofinanzjament bħala eżempju ta' kif jiġu kkombinati miżuri ekonomiċi u soċjali biex tagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku u tal-impjieg.*** <br><br> ***Il-faċilitajiet Ewropej u Nazzjonali ta' mikrofinanzjament għandhom ikunu akkumpanjati minn programmi ta' taħriġ speċifiku u programmi ta' konsulenza u skemi ta' benefiċċji soċjali li jiżguraw dħul minimu fl-ewwel sena wara l-ftuħ tan-negozju biex l-intraprenditorija tkun għażla reali.*** |

**Emenda 36**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness - Linja Gwida 7 - paragrafu 3 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu u jinvestu wkoll f'servizzi soċjali ta' interess ġenerali inklużi s-servizzi tal-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni li għandhom jiġu ffinanzjati b'mod*** |

| | |
|---|---|
| | ***suffiċjenti.*** |

**Emenda 37**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-mira ewlenija tal-UE, abbażi ta' liema Stati Membri se jistabbilixxu miri nazzjonali, hija li sal-2020 jintlaħaq 75% tar-rata ta' impjieg għan-nisa u l-irġiel bejn 20-64 inkluż permezz ta' parteċipazzjoni ikbar taż-żgħażagħ, ħaddiema ikbar fl-età u ħaddiema b'kapaċitajiet baxxi u integrazzjoni mtejba tal-migranti legali.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 38**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Linja gwida 8 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Linja-gwida 8: ***L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'kapaċitajiet li jirreflettu l-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol, il-promozzjoni*** tal-kwalità tal-impjieg u tagħlim tul il-ħajja | Linja-gwida 8: ***Il-promozzjoni*** tal-kwalità tal-impjieg u tagħlim tul il-ħajja***, it-tisħiħ tax-xogħol deċenti u l-iżvilupp ta' forza tax-xogħol bil-kapaċitajiet*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 8 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri se jistabbilixxu bħalamira nazzjonali t-tnaqqis tar-rata ta' persuni li joħorġu mill-iskola qabel iż-żmien għal 10% sal-2010, filwaqt li jiżdied is-sehem tal-popolazzjoni ta' bejn 30-34 li tkun temmet l-edukazzjoni terzjarja jew edukazzjoni ekwivalenti għal mill-inqas 40%.*** |

**Emenda 40**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jippromwovu l-produttività u l-impjegabbiltà permezz ta' provvista adegwata ta' għarfien u kapaċitajiet*** li ***jissodisfaw id-domanda attwali u futura*** tas-suq tax-xogħol. ***Edukazzjoni inizjali ta' kwalità u taħriġ vokazzjonali attraenti għandhom*** ikunu ***kumplimentati*** b'inċentivi effettivi għat-tagħlim tul il-ħajja, ***opportunijiet għal bidu mill-ġdid, sabiex jiġi żgurat li kull adult ikun jista' javvanza pass ieħor fil-kwalifi tiegħu***, u ***permezz ta'*** migrazzjoni ***mmirata*** u ***politiki*** ta' integrazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw sistemi għall-għarfien ta' ***kompetenzi akkwistati, jeliminaw l-ostakli għall-mobbiltà okkupazzjonali*** u ***ġeografika tal-ħaddiema, jippromwovu l-kisba ta'*** kompetenzi ***transversali u l-kreattività, u jiffokaw l-isforzi tagħhom b'mod partikolari fuq appoġġ għal persuni b'kapaċitajiet baxxi u jżidu l-impjegabbiltà ta' ħaddiem ikbar fl-età, filwaqt li jsaħħu t-taħriġ, il-kapaċitajiet u l-esperjenza ta' ħaddiema b'kapaċitajiet avvanzati, inkluż ir-riċerkaturi***. | ***Id-dispożizzjoni ta’ edukazzjoni inizjali ta’ kwalità għolja*** u ***taħriġ vokazzjonali attraenti li jgħin lil ħaddiema jadattaw il-kapaċitajiet tagħhom għall-ħtiġijiet*** tas-suq tax-xogħol ***huma prijoritajiet għolja għall-Istati Membri***. ***Dawn*** għandhom ***ikunu kkompletati b’opportunitajiet għal bidu mill-ġdid għaż-żgħażagħ, b' mod partikolari dawk ta' bejn il-25 u l-35 sena li jinkludu offerta obbligatorja ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, u*** b'inċentivi effettivi għat-tagħlim tul il-ħajja, ***billi l-imsieħba soċjali jiġu msejħa biex jipprovdu l-ħin u biex jappoġġjaw b’mod finanzjarju t-taħriġ vokazzjonali***. ***B'mod partikolari, l-Istati Membri jimpenjaw irwieħhom li jnaqqsu l-għadd ta' dawk li jħallu l-iskola qabel il-waqt għal anqas minn 10%***, u ***li jikkompletaw il-politika*** tal-migrazzjoni u tal-integrazzjoni ***b'faċilitajiet tat-tagħlim tal-lingwi u dwar is-soċjetà***. L-Istati Membri għandhom ***ukoll*** jiżviluppaw sistemi għall-għarfien ta' ***ħiliet*** u kompetenzi akkwistati. |

**Emenda 41**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 8 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| F'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali u ***n-negozji***, l-Istati Membri għandhom itejbu l-aċċess għat-taħriġ, isaħħu l-edukazzjoni u l-orjentament professjonali flimkien ma' informazzjoni sistematika ***dwar*** opportunitajiet ġodda ta' impjieg disponibbli***, il-promozzjoni tal-ispirtu*** intraprenditorjali u antiċipazzjoni ***msaħħa tal-ħtiġijiet ta' kapaċitajiet***. ***Investiment fl-iżvilupp*** ta' riżorsi umani, ***avvanz fil-kapaċitajiet*** u l-***parteċipazzjoni fi skemi ta'*** | F'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali u ***man-negozji***, l-Istati Membri għandhom itejbu l-aċċess għat-taħriġ, ***inkluż it-taħriġ vokazzjonali,*** isaħħu l-edukazzjoni u l-orjentament professjonali flimkien ma' informazzjoni sistematika ***u miżuri xierqa biex jippromwovu*** opportunitajiet ġodda ta' impjieg disponibbli, ***l-ispirtu*** intraprenditorjali***, l-iżvilupp tal-SMEs u jsaħħu l-antiċipazzjoni tar-rekwiżiti ta' kwalità***. ***L-iżvilupp*** ta’ riżorsi umani, |

| | |
|---|---|
| ***tagħlim tul il-ħajja għandhom jiġu promossi*** permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji konġunti minn ***gvernijiet, individwi*** u ***min iħaddem***. L-Istati Membri, ***f'kooperazzjoni mal-imsieħba soċjali, bil-għan li għatu appoġġ liż-żgħażagħ*** u b'mod ***partikolari dawk li m'għandhom impjieg, edukazzjoni jew taħriġ, għandhom iwaqqfu skemi biex jgħinu lil gradwati reċenti jsibu l-ewwel imjieg jew ikomplu l-edukazzjoni tagħhom u opportunitajiet ta' taħriġ, inkluż apprendistat,*** u ***jintervjenu malajr meta ż-żgħażagħ jitilfu l-impjieg***. ***Monitoraġġ regolari tal-prestazzjoni ta' avvanz fil-kapaċitajiet*** u ***politiki ta' antiċipazzjoni għandu jgħin biex jiġu identifikati oqsma għat-titjib*** u ***biex tiżdied ir-reazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol***. ***Il-fondi tal-UE għandhom jiġu mmobilizzati mill-Istati Membri sabiex jingħata appoġġ għal dawn l-għanijiet***. | ***kwalifiki ogħla*** u ***taħriġ għandu jiġi ffinanzjat*** permezz ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji konġunti ***minn min iħaddem u mill-gvernijiet***. ***Jeħtieġ li jibqgħu miftuħin f'kull waqt l-aċċess għal edukazzjoni ġenerali*** u ***vokazzjonali ta' kwalità għolja u l-integrazzjoni mill-ġdid fis***-***sistema edukattiva ta' dawk li jkunu telqu mill-iskola qabel iż-żmien.*** L-Istati Membri għandhom ***jallinjaw l-investimenti fis-sistema edukattiva b'tali mod li tintlaħaq il-mira li jerfgħu l-livell ta' kapaċitajiet tal-popolazzjoni li taħdem, filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tagħlim f'kuntesti informali*** u ***mhux formali***. ***F'dan kollu, ir-riformi, speċjalment fir***-***rigward tal-impjegabbiltà, għandhom jimmiraw li, permezz ta' taħriġ ulterjuri jew għarfien fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT), jiżguraw il-ksib tal-ħiliet tal-qofol li kull impjegat għandu bżonn biex ikollu suċċess f'soċjetà msejsa fuq l-għarfien. Għandhom jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-mobbiltà tat-tagħlim taż-żgħażagħ u l-għalliema ssir ir-regola***. ***L-Istati Membri għandhom itejbu l-ftuħ u r-relevanza tas-sistemi edukattivi ġenerali u vokazzjonali u tat-taħriġ mhux vokazzjonali għall-etajiet kollha, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali li jippermettu direzzjonijiet flessibbli ta' tagħlim*** u ***bl-iżvilupp ta' sħubijiet bejn organizzazzjonijiet tal-edukazzjoni ġenerali u vokazzjonali u d-dinja tax-xogħol, inklużi l-apprendistati mħallsa, biex ikabbru l-proporzjon ta' kwalifiki akkademiċi u vokazzjonali ta' livell ogħla.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 8 – paragrafu - 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Monitoraġġ regolari tal-prestazzjoni ta' avvanz fil-kapaċitajiet u politiki ta' antiċipazzjoni għandu jgħin biex jiġu identifikati oqsma għat-titjib u biex tiżdied*** |

***ir-reazzjoni tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Il-fondi tal-UE għandhom jiġu mmobilizzati mill-Istati Membri sabiex jingħata appoġġ għal dawn l-għanijiet.***

**Emenda 43**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Linja gwida 8 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Linja-gwida 8a: It-tisħiħ tal-politika ta' koeżjoni soċjali u ekonomika b'appoġġ għall-impjiegi*** |
| | ***L-Istati Membri jikkommettu rwieħhom li jirranġaw, jikkomplementaw, jikkoordinaw u jaġġustaw il-miri nazzjonali tagħhom, fil-livell nazzjonali u bejniethom, b'tali mod li jnaqqsu l-iżbilanċi fl-iżvilupp ekonomiku bejn ir-reġjuni.*** |
| | ***L-Istati Membri huma konxji li l-politika ta' koeżjoni tirrappreżenta strument effikaċi li tappoġġa, imma mhux b'mod subordinat, il-linji gwida billi takkomoda speċifiċitajiet reġjonali, tgħin lir-reġjuni jegħlbu d-diffikultajiet soċjoekonomiċi tagħhom u tnaqqas id-disparitajiet.*** |
| | ***Approċċ integrat, governanza fuq diversi livelli u prinċipji ta' sħubija għandhom ikunu l-qofol tal-governanza u tat-twassil tal-istrateġija, filwaqt li l-livelli reġjonali u lokali b'mod partikolari għandu jkollhom rwol kruċjali bħala vetturi biex jilħqu l-atturi ekonomiċi u soċjali innumerevoli li jgħixu u jipproduċu fl-Unjoni, b'mod partikulari l-SMEs, speċjalment dawk li jifformaw parti mill-ekonomija soċjali.*** |
| | ***Għaldaqstant, il-politika ta' koeżjoni mhijiex biss l-għajn ta' allokazzjonijiet finanzjarji stabbli, imma wkoll strument b'saħħtu għall-iżvilupp ekonomiku, u b'hekk strument għall-impjiegi għar-reġjuni kollha tal-Unjoni.*** |

| | |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jinvestu iktar fl-infrastruttura tat-trasport, tal-enerġija, tat-telekomunikazzjoni u tal-IT u jagħmlu użu sħiħ mill-Fondi Strutturali Ewropej.*** <br><br> ***Il-parteċipazzjoni ta' benefiċjarji potenzjali fi programmi kofinanzjati mill-Unjoni għandhom jitħeġġu bis-simplifikazzjoni tas-sistemi ta' twettiq.*** <br><br> ***Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom joħolqu sinerġiji bejn il-politiki ta' koeżjoni tagħhom u politiki settorjali eżistenti oħra, skont approċċ integrat, minħabba li l-koeżjoni mhijiex kost, imma tagħti s-saħħa, tistfrutta potenzjal mhux utilizzat, tnaqqas differenzi strutturali bejn il-pajjiżi u r-reġjuni, tespandi t-tkabbir u ttejjeb il-kompetittività tar-reġjuni tal-Unjoni f'dinja globalizzata, isservi ta' kontrobilanċ għall-effetti tal-kriżi ekonomika dinjija u tiġġenera kapital soċjali għall-Unjoni.*** |

**Emenda 44**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Linja gwida 9 – titolu u paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Linja-gwida 9: It-titjib fil-prestazzjoni tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livelli kollha u ż-żieda fil-parteċipazzjoni dejjem fl-edukazzjoni terzjarja*** <br><br> ***Sabiex jiġi żgurat aċċess għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għal kulħadd u biex jitjiebu r-riżultati edukazzjonali, l-Istati Membri għandhom jinvestu b'mod effiċjenti f'sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ b'mod partikolari biex jgħollu l-livell ta' kapaċitajiet tal-forza tax-xogħol tal-UE, sabiex din tkun tista' tossodisfa l-ħtiġijiet li qed jinbidlu malajr tas-swieq tax-xogħol moderni. L-azzjoni għandha tkopri s-setturi kollha (minn edukazzjoni bikrija fit-tfulija u skejjel għal edukazzjoni għolja, edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali,*** | ***imħassar*** |

***kif ukoll taħriġ għall-adulti) filwaqt li jiġi kkunsidrat it-tagħlim f'kuntesti informali u inqas formali. Ir-riformi għandhom ikunu mmirati biex tiġi żgurata l-akkwiżizzjoni tal-kompetenzi ewlenin li jeħtieġ kull individwu biex ikollu suċċess f'ekonomija bbażata fuq l-għarfien, b'mod partikolari fir-rigward tal-impjegabbiltà, tagħlim addizjonali, jew kapaċitajiet tal-ICT. Għandhom jittieħdu passi biex jiġi żgurat li l-mobbiltà tat-tagħlim taż-żgħażagħ u l-għalliema ssir ir-regola. L-Istati Membri għandhom itejbu l-ftuħ u r-relevanza tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' kwalifiki nazzjonali li jippermettu direzzjonoijiet flessibbli ta' tagħlim u bl-iżvilupp ta' sħubiji bejn id-dinjiet tal-edukazzjoni/taħriġ u x-xogħol. Il-professjoni tal-għalliema għandha ssir iktar attraenti. L-edukazzjoni għola għandha ssir iktar miftuħa għal studenti mhux tradizzjonali u parteċipazzjoni f'edukazzjoni terzjarja jew ekwivalenti għandha tiżdied. Bil-għan li jitnaqqas in-numru ta' żgħażagħ li mhumiex impjegati, f'edukazzjoni jew taħriġ, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa biex iwaqqfu l-ħruġ kmieni mill-iskola.***

**Emenda 45**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| ***Il-mira ewlenija tal-UE, abbażi ta' liema Stati Membri se jistabbilixxu miri nazzjonali, hija li titnaqqas ir-rata ta' persuni li joħorġu mill-iskola qabel iż-żmien għal 10%, filwaqt li jiżdied is-sehem tal-popolazzjoni bejn 30-34 li tkun temmet l-edukazzjoni terzjarja jew edukazzjoni ekwivalenti għal mill-inqas 40% fl-2020.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Linja gwida 10 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Linja-gwida 10: ***Il-promozzjoni*** tal-inklużjoni soċjali u l-***ġlieda*** kontra l-faqar | Linja-gwida 10: ***Il-ġlieda kontra l-faqar u l-promozzjoni*** tal-inklużjoni ***u l-protezzjoni*** soċjali |

**Emenda 47**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 10 – paragrafu - 1 (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri se jiddefinixxu l-miri nazzjonali tagħhom biex inaqqsu b'25% l-għadd tal-Ewropej li jgħixu taħt il-livelli nazzjonali tal-faqar, u b'hekk jerfgħu mill-faqar 20 miljun ruħ, b'mod partikolari permezz ta' miżuri ta' politika tal-impjieg u l-edukazzjoni.*** |

**Emenda 48**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 10 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***L-isforzi*** tal-Istati Membri biex jitnaqqas il-faqar ***għandhom ikunu mmirati lejn il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni*** sħiħa fis-soċjetà u ***l-ekonomija*** u ***l-estensjoni tal-opportunitajiet*** ta' impjieg, ***bl-użu sħiħ tal-Fond*** Soċjali Ewropew. ***L-isforzi*** għandhom ***jiffukaw ukoll fuq l-iżgurar*** tal-opportunitajiet indaqs, ***inkluż permezz*** ta' aċċess għal servizzi aċċessibbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja u servizzi *pubbliċ* (inkluż servizzi onlajn, skont il-linja gwida 4) u b'mod partikolari ***l-kura*** tas-saħħa. L-Istati Membri għandhom ***jistabbilixxu miżuri antidiskriminatorji effettivi***. ***Bl-istess mod***, sabiex tingħeleb l-esklużjoni soċjali, tingħata s-setgħa lin-nies u tiżdied il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, ***għandhom*** jissaħħu sistemi ta' ħarsien soċjali, ***tagħlim tul il-ħajja*** u politiki ta' | ***Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni għadha sfida vitali. Sabiex isegwu dan l-għan, jenħtieġ jinħolqu opportunitajiet ta' parteċipazzjoni jew ta' ritorn fis-suq tax-xogħol għall-gruppi soċjali kollha, irrispettivament mil-lokalità jew il-livell ta' edukazzjoni. Huwa essenzjali li jinstab bilanċ bejn il-fatt li l-persuni jingħataw sens ta' sigurtà suffiċjenti u l-fatt li dawn jippreservaw il-motivazzjoni tagħhom biex jaħdmu u jaqilgħu l-flus. Biex jilħqu din il-mira,*** l-Istati Membri ***għandhom jagħmlu sforz*** biex jitnaqqas il-faqar***, inkluż il-faqar ta' dawk li għandhom impjieg***, ***jippromwovu*** l-parteċipazzjoni sħiħa***, b'għażla proprja tal-persuni, fil-politika,*** fis-soċjetà***, fl-arti u fl-ekonomija*** u ***jestendu*** l-opportunitajiet ta' impjieg, ***f'liema rigward għandu jintuża l-Fond*** |

inklużjoni attiva biex jinħolqu opportunitajiet f'stadji differenti tal-ħajja tal-persuni ***u*** biex jiġu protetti kontra r-riskju tal-esklużjoni. ***Sistemi*** ta' sigurtà soċjali u pensjoni għandhom jiġu aġġornati ***biex jiġi żgurata*** li jistgħu jintużaw *bi sħiħ* għall-iżgurar ***ta' appoġġ*** ta' dħul ***adegwat*** u ***aċċess*** għall-kura tas-saħħa — ***biex b'hekk tiġi pprovduta koeżjoni soċjali*** - filwaqt ***li tiġi garantita s-sostenibbiltà finanzjarja***. Sistemi ta' benefiċċju għandhom ***jiffukaw fuq l-iżgurar*** ta' sigurtà ta' dħul matul tranżizzjonijiet u ***t-tnaqqis*** tal-faqar, b'mod partikolari fost il-gruppi li jinsabu fl-ikbar riskju ta' esklużjoni soċjali, bħal familji b'ġenitur wieħed, minoritajiet, persuni b'diżabbiltà, tfal u żgħażagħ, nisa u rġiel anzjani, migranti legali u persuni bla dar. L-Istati Membri għandhom jippromwovu wkoll b'mod attiv l-ekonomija soċjali u l-***innovazzjoni*** soċjali ***bl-appoġġ ta'*** dawk l-iktar vulnerabbli.

Soċjali Ewropew. ***L-Istati Membri hawnhekk*** għandhom ***jagħtu attenzjoni partikolari lill-għadd dejjem jiżdied ta' ħaddiema foqra. Biex jiġu fformulati objettivi speċifiċi għall-ġlieda kontra l-faqar, wieħed għandu jagħmilha ċara kif il-faqar għandu jitkejjel. Id-definizzjoni standard li l-fatt li min jaqla' 60% tad-dħul medju jikkostitwixxi faqar għandha tiġi kkwalifikata. Il-faqar ma jistax jiġi stabbilit permezz ta' indikatur li juri aspett wieħed biss. Jeħtieġ li jkun żgurat li jiġu ppreżervati l-opportunitajiet*** indaqs, ***kif ukoll*** l-aċċess għal servizzi aċċessibbli, sostenibbli u ta' kwalità għolja u servizzi *pubbliċi* (inkluż servizzi onlajn, skont il-linja gwida 4) u b'mod partikolari ***fl-oqsma soċjali, tal-impjiegi,*** tas-saħħa ***u tad-djar, billi jkun żgurat li jkunu disponibbli wkoll għall-gruppi vulnerabbli u dgħajfa tal-popolazzjoni***. ***L-Istati*** Membri għandhom ***ukoll jiżguraw li l-informazzjoni verbali jew bil-miktub mogħtija mis-servizzi pubbliċi tkun ċara u kompluta u li, f'każ ta' ċaħda milli jingħata dritt, tiġi pprovduta raġuni u jissemmew il-possibilitajiet għal appell li tista' tirrikorri għalihom il-persuna kkonċernata. Il-prinċipju li ma għandhiex issir diskriminazzjoni bejn l-irġiel u n-nisa bl-istess edukazzjoni u bl-istess impjieg għandu jkun legalment vinkolanti għal kull tip ta' relazzjoni ta' xogħol fl-Istati Membri. Sabiex*** tingħeleb l-esklużjoni soċjali, tingħata s-setgħa lin-nies ***biex ikollhom rwol attiv fis-soċjetà*** u tiġi promossa l-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, ***jenħtieġ li jissaħħu ulterjormanet*** sistemi ta' ħarsien soċjali u politiki ta' inklużjoni attiva biex jinħolqu opportunitajiet u perspettivi ta' ***xogħol, billi jitqiesu d-diversi ħtiġijiet u responsabilitajiet*** fi stadji differenti tal-ħajja tal-persuni**,** biex jiġu protetti kontra r-riskju tal-esklużjoni ***u*** biex ***jingħata l-appoġġ, partikolarment lil dawk l-aktar imbegħda mis-suq tax-xogħol, lejn impjiegi ta' kwalità. Għaldaqstant, għandhom jinħolqu approċċi effiċjenti skont il-politika attiva tax-xogħol għat-***

***taħriġ u l-ħolqien tal-impjiegi għal dawk il-persuni esklużi mis-suq tax-xogħol minħabba nuqqas ta' taħriġ. Fl-istess waqt, sistemi*** ta' sigurtà soċjali u pensjoni għandhom jiġu aġġornati ***ħalli jkunu*** jistgħu jintużaw *bis-sħiħ* għall-iżgurar ta' dħul ***li jkun ogħla mil-limitu tal-faqar, tal-possibilità tal-parteċipazzjoni fil-ħajja soċjali*** u ***tal-aċċess*** għall-kura tas-saħħa**,** filwaqt ***li għandha tiġi pprezervata s-sostenibilità ta' dawn is-sistemi***. Sistemi ta' benefiċċju għandhom ***jiżguraw is-sigurtà*** ta' dħul matul tranżizzjonijiet u ***jnaqqsu l-faqar***, b'mod partikolari fost il-gruppi li jinsabu fl-ikbar riskju ta' esklużjoni soċjali, bħal familji b'ġenitur wieħed, minoritajiet, persuni b'diżabbiltà, tfal u żgħażagħ, nisa u rġiel anzjani, migranti legali u persuni bla dar. ***B'mod partikolari, l-Istati*** Membri ***għandhom ikunu kommessi li jindirizzaw il-faqar tat-tfal permezz miżuri adegwati, b'tali mod li t-tfal ma jkuu ristretti fl-iżvilupp personali tagħhom u ma jkunux sottoprivileġġati meta jidħlu fil-ħajja tax-xogħol minħabba interferenzi relatati mal-faqar fl-iżvilupp lberu tagħhom. Huwa partikolarment importanti li jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni u anke għall-opportunitajiet indaqs għal tfal minn familji żvantaġġjati, sabiex jitħarsu milli jiġu esklużi soċjalment meta jsiru adulti. Sabiex tissaħħaħ din is-sigurtà tad-dħul fl-istadji differenti tal-ħajja, l-Istati Membri*** għandhom ***jiżguraw l-eżistenza ta' dħul minimu adegwat, li l-livell ta' dan ikun mill-inqas ogħla mil-limitu tal-faqar, bir-rispett tal-prattiki differenti, tal-ftehimkollettiv u tal-leġislazzjoni tal-Istati Membri***. ***L-Istati Membri għandhom*** jippromwovu wkoll b'mod attiv l-ekonomija soċjali ***u l-innovazzjonijiet*** soċjali ***mfassla biex jindirizzaw ir-riskji soċjali differenti li jitfaċċaw matul il-ħajja tal-persuni, b'mod speċjali fejn ikunu kkonċernati dawk*** l-iktar vulnerabbli**,** ***jimplimentaw effikaċement il-miżuri adottati kontra d-diskriminazzjoni***. ***Fit-tisħiħ tas-sostenibilità tal-finanzi pubbliċi, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni***

| | |
|---|---|
| | ***partikolari lill-effetti pożittivi li titjib fil-koeżjoni soċjali għandu fuq il-baġits nazzjonali. It-tnaqqis tal-faqar u parteċipazzjoni msaħħa jwasslu għal tnaqqis fl-infiq soċjali u għal dħul akbar mit-taxxi. L-Istati Membri għandhom jiżguraw standards minimi għolja għall-kwalità tal-impjiegi sabiex il-faqar jiġi eliminat fost il-persuni impjegati.*** |

**Emenda 49**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 10 – paragrafu - 1 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali, inklużi l-pensjonijiet u l-kura tas-saħħa, għandhom jiġu msaħħa u mmodernizzati, billi jiżguraw l-adegwatezza soċjali tagħhom, is-sostenibbiltà finanzjarja u r-rispons għal ħtiġijiet li jinbidlu, filwaqt li kulħadd fl-Unjoni Ewropea jiġi pprovdut bi protezzjoni adegwata mill-insigurtajiet soċjali, bħal pereżempju problemi tas-saħħa, qgħad u faqar.*** <br> ***Il-protezzjoni soċjali ta' kuntratti għal terminu qasir, li jaffettwaw lin-nisa b'mod partikolari, u lin-nisa tqal b'mod iżjed partikulari, għandha tiġi mtejba mill-Istati Membri.*** |

**Emenda 50**

**Proposta għal deċiżjoni**
**Anness – Lina gwida 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-mira ewlenija tal-UE, abbażi ta' liema Stati Membri se jistabbilixxu miri nazzjonali, hija li jitnaqqas b'25% in-numru ta' Ewropej li jgħixu taħt il-linji nazzjonali ta' faqar, sabiex iktar minn 20 miljun persuna toħroġ mill-faqar.*** | ***imħassar*** |